

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

Is-sitwazzjoni fis-Sirja

P7_TA(2011)0582

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja

(2013/C 168 E/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, b'mod partikolari dik tas-27 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾ dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu u s-Sirja, b'mod partikolari dik tal-Komunitajiet Insara, tal-15 ta' Settembru 2011 ⁽²⁾ dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, tas-27 ta' Ottubru 2011 ⁽³⁾ dwar il-każ ta' Rafah Nached ⁽⁴⁾, u tas-7 ta' Lulju 2011 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn fil-kuntest tas-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija u fl-Afrika ta' Fuq,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar is-Sirja tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tal-10 ta' Ottubru 2011, tal-14 ta' Novembru 2011 u tal-1 ta' Diċembru 2011 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011 u tad-9 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/273/PESK ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar is-Sirja tat-8 ta' Ottubru 2011, tat-3 u tat-28 ta' Novembru 2011 u tat-2 ta' Diċembru 2011, u tal-kellichem tagħha tat-23 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-Sirja tat-22 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHRC) dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Għarbija Sirjana tat-2 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU Navi Pillay fit-18-il Sessjoni Speċjali Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li saret biex teżamina s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Għarbija Sirjana fit-2 ta' Diċembru 2011,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana, tat-23 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Għarbija Sirjana, tat-22 ta' Novembru 2011,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv dwar l-involvement tat-tfal f'kunflitti armati, il-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kastig tad-delitt ta' ġenoċidju li s-Sirja aderiet għalihom,

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0471.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0387.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0476.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0333.

⁽⁵⁾ ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Lega Għarbija dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja tas-27 ta' Awissu 2011, tas-16 ta' Ottubru 2011 u tat-12, tas-16 u tal-24 ta' Novembru 2011, il-Pjan ta' Azzjoni tagħha tat-2 ta' Novembru 2011 u s-sanzjonijiet tal-Lega Għarbija kontra s-Sirja adottati fis-27 ta' Novembru 2011,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2011 mill-gvern tar-Repubblika tat-Turkija li jimponi sanzjonijiet ekonomiċi fuq is-Sirja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-30 ta' Novembru 2011 mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika li talbet lill-gvern Sirjan sabiex immedjatament jieqaf juża forza eċċessiva kontra ċ-ċittadini u sabiex jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta dwar 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' mill-Kummissjoni u l-VP/RGħ lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-25 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Barċellona tas-27 u t-28 ta' Novembru 1995 (id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona) u d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit għall-Mediterran ta' Pariġi nhar it-13 ta' Lulju 2008, li s-Sirja ffirmat,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi skont l-estimi tan-NU, aktar minn 5 000 ruħ, inklużi iktar minn 300 tifel u tifla, inqatlu, ħafna persuni oħra ndarbu, aktar minn 14 000 ġew rappurtati detenuti, u għexieren ta' eluf fittxew rifuġju f'pajjiżi ġirien jew ġew spustati internament sa minn Marzu 2011 fis-Sirja bħala riżultat tar-ripresjoni brutali mir-reġim kontra l-popolazzjoni tiegħu; billi, minkejja kundanna internazzjonali estiża, ir-ripresjonijiet vjolenti u l-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem mill-awtoritajiet u mill-forzi militari u tas-sigurtà Sirjani kontra ċ-ċivili li mhumiex vjolenti għadhom għaddejnin u qed ikomplu jintensifikaw; billi huwa rrapportat li l-bliet u l-irħula tas-Sirja kollha qed jinżammu taħt asseġju mill-forzi governattivi, mingħajr aċċess għall-ikel, provvisti mediċi jew mezzi tal-komunikazzjoni; billi bosta Sirjani qiegħdin jiffaċċaw sitwazzjoni umanitarja li kulma jmur sejra għall-agħar, kaġun tal-vjolenza u tal-ispostamenti;
- B. billi r-riformi u l-amnestiji mħabbra u mwegħda mill-President Bashar al-Assad fil-prattika ma seħħewx, u r-reġim tilef il-kredibilità kollha; billi l-Gvern Sirjan jirrikorri għall-Qorti Suprema ta' Sigurtà tal-Istat, qorti speċjali li ma tagħmilx parti mis-sistema ordinarja tal-ġustizzja kriminali, biex jipproċessa attivisti politiċi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-vjolenza hi akkumpanjata mill-azzjoni tar-reġim u dawk li jappoġġjawh bl-għan li jintensifikaw it-tensjonijiet settarji u tiwxix tal-kunflitt interretniku u interreliġjuż fil-pajjiż;
- C. billi fl-20 ta' Novembru 2011, f' intervista ppubblikata mill-ġurnal *Sunday Times* u fis-7 ta' Diċembru 2011 f'intervista man-network Amerikan ABC, il-President Sirjan Bashar al-Assad ċaħad li l-gvern tiegħu kellu politika ta' trattament aħrax fil-konfront tal-popolazzjoni u li huwa ma jħoss l-ebda sens ta' ħtija dwar ir-ripresjoni li ordna fuq ir-rewwixta li ilha għaddeja 10 xhur, minkejja rapporti ta' brutalità minnaħa tal-forzi tas-sigurtà;
- D. billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-2 ta' Diċembru 2011 tikkundanna bil-qawwa l-ksur gravi, mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali – bħall-qtil, l-eżekuzzjonijiet arbitrarja, il-persekuzzjoni, id-detenzjoni arbitrarja, għajbien furzat, tortura u trattament ħażin, u stupru u atti oħra ta' vjolenza sesswali kontra ċ-ċivili, inklużi t-tfal, kif ukoll iċ-ċaħda u l-ostakolar ta' assistenza medika lill-midruba – mill-awtoritajiet u l-forzi militari u tas-sigurtà Sirjani, u tipproponi li jiġi stabbilit il-mandat ta' rapporteur speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

- E. billi fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar ir-Repubblika Għarbija Sirjana huwa dokumentat ksur sistematiku u gravi mifruq tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali min-naħa tal-armata, tal-forzi tas-sigurtà u tal-milizji Sirjani favur il-gvern; billi l-Kummissjoni ta' Inkjesta hi ferm imħassba li r-reati kontra l-umanità saru f'lokalitajiet differenti fis-Sirja; billi l-gvern Sirjan irrifjuta li jikkopera mal-Kummissjoni ta' Inkjesta; billi skont ir-rapport lin-NU tal-Kummissjoni ta' Inkjesta kien hemm diversi każijiet ta' dizezzjoni mill-militar u l-forzi armati sa mill-bidu tar-ripressjoni u dawn żdiedu fl-aħħar xhur;
- F. billi fl-istqarrija tagħha tat-2 ta' Diċembru 2011, il-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU Navi Pillay wissiet li r-ripressjoni bla ħniena u kontinwa min-naħa tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ta' pajjiżu tista' twassal il-pajjiż għal gwerra ċivili u inkoraġġiet ukoll lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jirreferi s-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- G. billi l-awtoritajiet Sirjani għadhom qed jiċħdu l-aċċess lil ġurnalisti u osservaturi internazzjonali; billi rapporti minn rifuġjati Sirjani, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u immaġini meħuda minn telefoni ċellulari huma s-sors ewlieni ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni tal-vjolazzjonijiet sistematiċi u mifruqa tad-drittijiet tal-bniedem mill-armata u l-forzi tas-sigurtà Sirjani kontra ċivili kif ukoll tas-sitwazzjoni fis-Sirja iġġenerali;
- H. billi fl-1 ta' Diċembru 2011 l-Unjoni Ewropea saħħet il-miżuri restrittivi tagħha kontra s-Sirja inklużi projbizzjonijiet addizzjonali tal-kummerċ għal kumpaniji u istituzzjonijiet finanzjarji bbażati fl-UE fir-rigward taż-żejt Sirjan u tas-settur finanzjarju, iffriżar ta' assi ġdid u projbizzjoni ta' vvaġġar għal 11-il persuna u 12-il entità, embargo tal-armi, u b'mod partikulari projbizzjoni ta' esportazzjoni mill-UE lis-Sirja ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) li l-gvern kien juża biex jikser id-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini;
- I. billi sal-lum il-Kunsill/SEAE ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar il-projbizzjoni għall-esportazzjoni tal-ICTs u jippubblika d-dettalji meħtieġa dwar it-tħabbira; billi kien hemm diversi rapporti dwar kumpaniji (bbażati) fl-UE li armaw lill-Gvern Sirjan b'teknoloġiji mfassla (speċifikament) biex jinterċettaw, jissorveljaw u jikkatalogaw it-traffiku fuq l-internet u l-komunikazzjoni bil-mowbajl fis-Sirja, li jaqdbu kemm traffiku domestiku kif ukoll dak internazzjonali; billi l-kumpaniji (bbażati) fl-UE bnew u operaw ċentri ta' monitoraġġ fis-Sirja stess u pprovdew assistenza teknika relatata lill-Gvern Sirjan;
- J. billi kemm l-ambaxxatur Franċiż għas-Sirja Eric Chevallier u kemm l-ambaxxatur tal-Istati Uniti għas-Sirja Robert Ford marru lura Damasku, bħala ġest intiż biex juri appoġġ sħiħ għall-ġlieda u t-talbiet tal-poplu Sirjan; billi ż-żewġ ambaxxaturi kienu irtirati f'Ottubru minħabba kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' attacchi vjolenti kontra l-interessi Franċiżi;
- K. billi, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill reġa' ħeġġeġ lill-oppożizzjoni Sirjana tistabbilixxi pjattaforma magħquda, ikkonferma li l-UE kienet se tkompli l-kuntatt ma' membri rappreżentattivi tal-oppożizzjoni Sirjana li jirrispettaw il-prinċipju ta' nonvjolenza, u laqa' l-impenn tal-Kunsill Nazzjonali Sirjan f'dan ir-rigward;
- L. billi fit-22 ta' Novembru 2011 il-VP/RGħ Catherine Ashton iltaqat ma' rappreżentanti tal-Kunsill Nazzjonali Sirjan u enfasizzat l-importanza ta' pjattaforma tal-oppożizzjoni politika inklużiva;
- M. billi Membri tal-Parlament Ewropew stabbilixxew djalogu u wettqu skambju ta' fehmiet ma' diversi rappreżentanti tal-oppożizzjoni Sirjana fl-eżilju u fil-pajjiż f'dawn l-aħħar xhur;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

- N. billi l-kriżi fis-Sirja tikkostitwixxi theddida għall-istabilità u s-sigurtà fir-reġjun kollu tal-Lvant Nofsani;
- O. billi fis-16 ta' Novembru 2011, il-Lega Għarbija ssospendiet is-sħubija tas-Sirja f'din l-organizzazzjoni reġjonali wara li din naqset li tonora t-termini ta' pjan ta' paċi tal-Lega Għarbija li kien jinvolvi li s-Sirja tirtira t-tankijiet minn bliet irrekwieti, twaqqaf l-attakki fuq id-dimostranti, tidħol fi djalogu mal-oppożizzjoni u tippermetti 500 osservatur tal-Lega Għarbija jidħlu fil-pajjiż biex jevalwaw is-sitwazzjoni fil-kamp; billi fis-27 ta' Novembru 2011, wara diversi ultimatum, il-Lega Għarbija approvat sanzjonijiet kontra s-Sirja, inkluż l-iffriżar tal-assi u embargo fuq l-investimenti;
- P. billi fit-30 ta' Novembru 2011 il-Gvern Tork impona sanzjonijiet ekonomiċi fuq is-Sirja, kif ukoll embargo tal-armi inkluż embargo fuq il-kunsinna ta' armi u tagħmir militari kif ukoll is-sospensjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni mas-Sirja sakemm ikun hemm gvern ġdid; billi fit-22 ta' Novembru 2011 il-Prim Ministru Tork appella lill-President Assad sabiex finalment jirriżenja; billi għexieren ta' eluf ta' rifuġjati Sirjani fittxew kenn fit-Turkija sa minn Marzu 2011;
- Q. imħasseb dwar l-aħbar irrappurtata minn ħafna sorsi li l-awtoritajiet tas-Sirja ordnaw l-espulsjoni ta' Dun Paolo dall'Oglio, l-Abbati tal-Monasteru Musa Mar fis-Sirja, u r-rebbieħ tal-ewwel Premju EuroMed Anna Lindh 2006 għad-Djalogu bejn il-Kulturi, u li hu magħruf sew għall-ħidma tiegħu għall-armonija inter-reliġjuża fil-pajjiż tul dawn l-aħħar tletin sena u għall-impenn tiegħu fl-isforzi għar-rikonċiljazzjoni interna, ibbażati fuq in-negozjazzjoni, u l-libertà tal-espressjoni; jappella lill-awtoritajiet Sirjani biex iżommu lura mill-jagħmlu dan għaliex dan l-att jista' jdgħajjef id-djalogu li għaddej bejn Kristjani u Musulmani;
- R. billi fl-4 ta' Diċembru 2011 l-awtoritajiet Sirjani arrestaw lill-blogger Rażan Gazzawi fil-fruntiera bejn ir-Sirja u l-Ġordan hekk kif allegatament hi kienet sejra lejn il-kapitali tal-Ġordan, Amman, biex tiegħu sehem f'workshop dwar il-libertà tal-istampa organizzat minn min jimpjegaha, iċ-Ċentru Sirjan għall-Midja u l-Libertà tal-Espressjoni;
1. Jerġa' jikkundanna bl-aktar mod qawwi r-ripressjoni brutali tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni tiegħu, inklużi t-tfal; jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Sirjan fil-ġlieda nonvjolenti tiegħu għal-libertà, id-dinjità u d-demokrazija u jfaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tiegħu, b'rigward speċjali għan-nisa li għandhom rwol kruċjali f'din il-ġlieda;
2. Jinnota n-nuqqas tar-reġim Sirjan – u tal-President Bashar al-Assad, li għandu r-responsabilità finali bħala l-kap kostituzzjonali tal-Istat Sirjan, b'mod partikulari – li jottempera totalment għall-obbligi tiegħu skont il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u jappella mill-ġdid għall-waqfien immedjat tar-repressjonijiet vjolenti kontra d-dimostranti paċifiċi u tal-vessazzjonijiet tal-familji tagħhom, għall-ħelsien tad-dimostranti, il-priġunieri politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti kollha detenuti u aċċess sħiħ għall-pajjiż għall-organizzazzjonijiet internazzjonali umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għall-midja internazzjonali;
3. Itenni t-talba tiegħu lill-President Bashar al-Assad u r-reġim tiegħu biex jirriżenjaw immedjatament sabiex jippermettu li seħħ tranżizzjoni demokratika fil-pajjiż;
4. Jitlob li jsiru investigazzjonijiet indipendenti u trasparenti minnufih tal-każijiet ta' ksur estensiv, sistematiku u gravi tad-drittijiet tal-bniedem mill-awtoritajiet Sirjani u mill-forzi militari u tas-sigurtà bil-għan li jiżguraw li daww kollha responsabbli għal dawn l-atti, li jistgħu jammontaw għal delitti kontra l-umanità, jinżammu responsabbli mill-komunità internazzjonali;
5. Jenfasizza l-appell li sar mill-opponenti u d-dimostranti Sirjani biex jintbagħtu osservaturi internazzjonali bħala deterrent kontra l-attakki kontra ċ-ċivili u biex ikun hemm aċċess sħiħ fil-pajjiż għall-organizzazzjonijiet umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali kif ukoll għall-midja internazzjonali;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

6. Jitlob li jkun hemm tranżizzjoni paċifika u ġenwina lejn id-demokrazija, li tissodisfa t-talbiet leġittimi tal-poplu Sirjan u li tkun imsejsa fuq proċess inklużiv ta' dialogu politiku nazzjonali bil-parteciġazzjoni tal-forzi demokratiċi kollha u tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż; iħeġġeġ lill-forzi tal-oppożizzjoni jevitaw in-nasba tal-eskalazzjoni ulterjuri tal-vjolenza u l-militarizzazzjoni tas-sitwazzjoni fid-difiża tal-popolazzjoni; jesprimi tħassib serju li l-intimidazzjoni mill-awtoritajiet Sirjani tista' tkun estiża għall-attivisti tal-oppożizzjoni fl-eżilju u jitlob lill-Istati Membri tal-UE jqisu l-possibilità li jkeċċu lid-diplomatiċi Sirjani bbażati fl-UE involuti f'każijiet bħal dawn, jew jieħdu miżuri xierqa oħra;

7. Jilqa' u jinkoraġġixxi l-isforzi li għaddejjin mill-oppożizzjoni Sirjana kemm fil-pajjiż u kemm barra minnu sabiex jistabbilixxu pjattaforma magħquda, sabiex ikomplu jaħdmu mal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari mal-Lega Għarbija, u biex jaħdmu fuq viżjoni komuni għall-futur tas-Sirja u t-tranżizzjoni lejn sistema demokratika; ikompli jagħti jappoġġja l-Kunsill Nazzjonali Sirjan u jenfasizza kemm hu importanti li l-oppożizzjoni Sirjana u l-Armata Libera Sirjana jimpenjaw ruħhom favur id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jmantnu impenn ċar għall-approċċ paċifiku u inklużiv; jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2011 u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimplementawhom malajr kif ukoll isibu modi ġoddi kif isaħħu l-għajnuna mhux militari li jagħtu lil dawn il-forzi tal-oppożizzjoni;

8. Jenfasizza mill-ġdid li l-Gvern Sirjan naqas li jerfa' r-responsabilità tiegħu li jħares il-poplu tiegħu, li jtemm immedjatament il-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem u li jwaqqaf kull attakk kontra ċ-ċivili; iqis li fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-komunità internazzjonali trid tieħu miżuri urġenti u xierqa;

9. Jilqa' l-impenn tal-UE li tkompli tagħfas għal iktar pressjoni internazzjonali fuq ir-reġim Sirjan; jappoġġja bil-qawwa d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru u tal-1 ta' Diċembru 2011 li jimponi miżuri restrittivi ġodda fuq ir-reġim u jitlob li l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ikunu estiżi għall-familji u n-negozji li huma l-ikbar finanzjaturi tiegħu; jenfasizza l-hteġġa li l-UE tkun lesta li tadotta miżuri ulterjuri sabiex tgħin liċ-ċittadini Sirjani li qiegħdin jitħabtu għal futur demokratiku permezz ta' mezzi paċifiċi; jitlob, f'dan il-kuntest, iktar sanzjonijiet mill-UE, li jolqtu r-reġim Sirjan iżda jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq il-popolazzjoni, sakemm tkompli r-ripressjoni, u jitlob ukoll li jinħolqu mekkaniżmi adegwati biex jiġu trattati l-emerġenzi umanitarji attwali u ġejjiena fil-pajjiż; jilqa' u jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja tal-1 ta' Diċembru 2011, li jiddikjaraw ukoll li l-UE tkun lesta tiżviluppa sħubija ġdida u ambizzjuża mas-Sirja fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku, fosthom billi timmobilizza l-assistenza u ssaħħa ir-rabtiet kummerċjali u ekonomiċi, malli jirreżenja l-President Bashar al-Assad u tibda tranżizzjoni ġenwina lejn id-demokrazija;

10. Jilqa' u jappoġġja r-riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-22 ta' Novembru 2011, mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fit-2 ta' Diċembru 2011 u mit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-22 ta' Novembru 2011 kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Internazzjonali Indipendenti dwar is-Sirja tat-23 ta' Novembru 2011; jitlob is-sospensjoni immedjata tas-sħubija tas-Sirja mill-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UNESCO;

11. Jiddeplora l-fatt li s'issa l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ma kellux il-ħila jagħti risposta xierqa għall-avvenimenti brutali li qed iseħħu fis-Sirja; itenni l-appell tiegħu lill-membri tal-KSNU, u lir-Russja u ċ-Ċina b'mod partikolari, li jerfgħu r-responsabilitajiet tagħhpm u jiżguraw li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ikunu rrispettati fis-Sirja; ikompli jappoġġja l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam; fl-istess ħin iħeġġeġ lill-KSNU jirreferi d-delitti mwettqa mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni tiegħu lill-Qorti Kriminali Internazzjonali;

12. Jappoġġja bil-qawwa l-isforzi tal-Lega Għarbija biex iwaqqfu l-vjolenza u jippromwovu soluzzjoni politika fis-Sirja; jilqa' pożittivament il-proposta tal-Lega li tibgħat missjoni ta' osservazzjoni biex tippovdi protezzjoni liċ-ċivili; huwa imħasseb bl-impenn skars li wrew l-awtoritajiet Sirjani fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni; jilqa' pożittivament id-deċiżjoni tal-Lega Għarbija li timponi sanzjonijiet kontra r-reġim Sirjan; jistieden lir-reġim Sirjan jastjeni minn kwalunkwe tentattiv, dirett jew indirett, biex jiddestabilizza l-pajjiżi ġirien;

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2011

13. Jitlob iktar kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja; jilqa' l-kundanna min-naħa tat-Turkija tar-reġim Sirjan, is-sanzjonijiet ekonomiċi li imponiet fuq dak ir-reġim u l-politika tagħha li żżomm il-fruntieri miftuħa għar-rifuġjati;

14. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ biex tagħmel kull sforz biex tibda diskussjonijiet mat-Turkija, il-Lega Għarbija u l-oppożizzjoni Sirjana dwar il-modalitajiet tat-twaqqif ta' kurituri umanitarji fil-fruntieri Sirjani-Torok bl-għan tal-ħarsien tar-rifuġjati Sirjani u ċ-ċivili kollha li qed jippruvaw jitolqu mill-pajjiż biex jaħarbu r-ripressjoni militari li għaddejja bħalissa;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Għarbija Sirjana, u lill-gvern u l-parlament tar-Repubblika tat-Turkija.

Abbozz ta' Tabella ta' Valutazzjoni għas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi

P7_TA(2011)0583

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar it-Tabella għas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi: id-disinn inizjali previst

(2013/C 168 E/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pakkett leġiżlattiv dwar il-governanza ekonomika adottat fis-16 ta' Novembru 2011, u b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 bl-isem "Tabella għas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi: id-disinn inizjali previst" (SEC(2011)1361),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Ifakkar li l-mira ewlenija tal-mekkaniżmu ta' sorveljanza li għadu kemm twaqqaf hija l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari fiż-Żona tal-Euro; ifakkar li, skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, fost il-miri l-oħra tal-mekkaniżmu previst hemm il-konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni aktar imqarba tal-politiki ekonomiċi;

2. Jenfasizza li, fid-dawl tal-qagħda ekonomika attwali, huwa essenzjali li l-qafas ta' sorveljanza makroekonomika jibda jiffunzjona mill-aktar fis possibbli;

3. Jemmen li l-effetti sekondarji potenzjali tal-politiki tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandhom jiġu identifikati u diskussi fi stadju bikri (eż. bħala parti mill-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir), u f'kull każ qabel l-adozzjoni tal-programmi ta' konverġenza/stabbiltà kif ukoll warajha; jitlob lill-Kummissjoni tespliċita kif biħsiebha tittratta dwar l-effetti sekondarji fl-aktar verżjoni reċenti tagħha tat-tabella;

(1) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.